# Ġabra tal-ġurisprudenza

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali (Il-Ħames Awla) tas-26 ta' Jannar 2017 – TV1 vs Il-Kummissjoni**

**(Kawża T-700/14)**

"Kuntratti pubbliċi għal servizzi – Proċedura ta' sejħa għal offerti – Provvista ta' servizzi ta' produzzjoni awdjoviżiva integrata, ta' tixrid u ta' arkivjar – Ċaħda tal-offerta ta' offerent – Għoti tal-kuntratt lil offerent ieħor – Offerta anormalment baxxa – Obbligu li tintalab informazzjoni – Obbligu ta' motivazzjoni – Trasparenza – Ugwaljanza fit-trattament u nondiskriminazzjoni – Żball manifest ta' evalwazzjoni"

1. *Kuntratti pubbliċi tal-Unjoni Ewropea - Konklużjoni ta' kuntratt wara sejħa għal offerti - Offerta anormalment baxxa - Obbligu tal-awtorità kontraenti li tisma' lill-offerent - Eżami mill-awtorità kontraenti tan-natura anormalment baxxa tal-offerta - Elementi li għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni*

   *(Regolament tal-Kummissjoni Nru 1268/2012, Artikoli 139(2) u 158(4))*

   *(ara l-punti 37, 38, 40, 41, 54, 58, 59)*

2. *Kuntratti pubbliċi tal-Unjoni Ewropea - Proċedura ta' sejħa għal offerti - Għoti ta' kuntratti - Kriterji ta' għoti - Metodu ta' evalwazzjoni - Setgħa diskrezzjonali tal-awtorità kontraenti - Stħarriġ ġudizzjarju - Limiti*

   *(ara l-punti 44, 98-100)*

3. *Rikors għal annullament - Stħarriġ tal-legalità - Kriterji - Teħid inkunsiderazzjoni biss tal-punti ta' fatt u ta' liġi eżistenti fid-data ta' adozzjoni tal-att kontenzjuż*

   *(Artikolu 263 TFUE)*

   *(ara l-punt 70)*

4. *Atti tal-istituzzjonijiet - Motivazzjoni - Obbligu - Portata - Evalwazzjoni tal-obbligu ta' motivazzjoni skont iċ-ċirkustanzi tal-każ*

   *(Artikoli 263 TFUE u 296 TFUE)*

   *(ara l-punti 79, 80)*

5. *Kuntratti pubbliċi tal-Unjoni Ewropea - Proċedura ta' sejħa għal offerti - Obbligu ta' osservanza tal-prinċipji ta' ugwaljanza fit-trattament tal-offerenti u ta' trasparenza - Portata - Obbligu ta' formulazzjoni ċara, preċiża u mhux ekwivoka tal-kundizzjonijiet u modalitajiet tal-proċedura ta' għoti tal-kuntratt*

   *(Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill Nru 966/2012, Artikolu 102(1))*

   *(ara l-punti 94-96)*

6. *Kuntratti pubbliċi tal-Unjoni Ewropea - Proċedura ta' sejħa għal offerti - Sottomissjoni tal-offerti u talbiet għal parteċipazzjoni - Sottomissjoni ta' varjanti - Distinzjoni bl-użu ta' differenzi sabiex tiżdied offerta*

   *(Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill Nru 966/2012, Artikolu 111)*

   *(ara l-punt 156)*

7. *Kuntratti pubbliċi tal-Unjoni Ewropea - Proċedura ta' sejħa għal offerti - Għoti ta' kuntratti - Offerta li hija l-iktar vantaġġuża ekonomikament - Kriterji ta' għoti - Osservanza tal-prinċipji ta' ugwaljanza fit-trattament tal-offerenti u ta' trasparenza - Obbligu ta' ffissar ta' kunsiderazzjoni għal subkriterji tal-kriterji ta' attribuzzjoni previsti fl-ispeċifikazzjonijiet jew fl-avviż ta' kuntratt - Assenza*

   *(Regolament tal-Kummissjoni Nru 1268/2012, Artikolu 149(3))*

   *(ara l-punti 162, 166, 211, 214)*

8. *Atti tal-istituzzjonijiet - Motivazzjoni - Obbligu - Portata - Deċiżjoni, fil-kuntest tal-proċedura għall-għoti ta' kuntratt pubbliku għal servizzi, li ma tintgħażilx offerta - Obbligu li jiġu kkomunikati, wara talba bil-miktub, il-karatteristiċi u l-vantaġġi relatati mal-offerta magħżula kif ukoll l-isem ta' min jingħata l-kuntratt - Obbligu, għall-awtorità kontraenti, li tipprovdi analizi komparattiva ddettaljata tal-offerta magħżula u tal-offerta tal-offerent li ma ntgħażilx - Assenza*

   *(Artikolu 296 TFUE; Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill Nru 966/2012, Artikolu 113(2); Regolament tal-Kummissjoni Nru 1268/2012, Artikolu 161(2) u (3))*

   *(ara l-punti 203, 238, 333, 334, 343)*

9. *Kuntratti pubbliċi tal-Unjoni Ewropea - Proċedura ta' sejħa għal offerti - Għoti ta' kuntratti - Kriterji ta' għoti - Obbligu li jiġi speċifikat, fid-dokumenti ta' sejħa għal offerti, elementi rilevanti għall-evalwazzjoni tal-offerti fir-rigward ta' kriterju ta' kwalità, iżda li għandhom natura evidenti għal offerent diliġenti - Assenza*

   *(Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill Nru 966/2012, Artikolu 110)*

   *(ara l-punt 217)*

10. *Kuntratti pubbliċi tal-Unjoni Ewropea - Proċedura ta' sejħa għal offerti - Għoti ta' kuntratti - Kriterji ta' għoti - Kriterji relatati mal-eżistenza ta' servizz ta' assistenza u ta' ħarsien stabbilit f'post speċifiku fi Stat Membru - Ammissibbiltà - Ksur tal-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni minħabba n-nazzjonalità - Assenza*

    *(Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill Nru 966/2012, Artikolu 110)*

    *(ara l-punti 223, 225-227)*

11. *Kuntratti pubbliċi tal-Unjoni Ewropea - Proċedura ta' sejħa għal offerti - Għoti ta' kuntratti - Offerta li hija l-iktar vantaġġuża ekonomikament - Kriterji ta' għoti - Għażla mill-awtorità kontraenti - Kriterji mhux esklużivament kwantitattivi - Ammissibbiltà - Kriterji relatati mal-importanza tal-preżentazzjoni tal-offerti - Ammissibbiltà*

    *(Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill Nru 966/2012, Artikolu 110; Regolament tal-Kummissjoni Nru 1268/2012, Artikolu 149(2))*

    *(ara l-punti 258, 259)*

12. *Rikors għal annullament - Motivi - Użu ħażin ta' poter - Kunċett*

    *(Artikolu 263 TFUE)*

    *(ara l-punt 323)*

**Suġġett**

Talba bbażata fuq l-Artikolu 263 TFUE u intiża għall-annullament tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tiċħad l-offerta magħmula mir-rikorrenti għal-lot Nru IV, intitolat "Live streaming, kompressjoni, hosting u tixrid ta' kontenut" fil-kuntest ta' avviż ta' kuntratt bir-referenza PO/2014-03/A4 u li jikkonċerna "[s]ervizzi integrati ta' produzzjoni awdjoviżiva, ta' tixrid u ta' arkivjar", tad-deċiżjoni li permezz tagħha l-Kummissjoni tat dan il-lot lill-offerent magħżul u tal-kuntratt ta' provvista ta' servizzi konkluż bejn il-Kummissjoni u l-offerent magħżul.

**Dispożittiv**

1) Ir-rikors huwa miċħud.

2) TV1 GmbH hija kkundannata għall-ispejjeż.